

# IT-TAJR TAL-PRIŻA

Il-grupp ta' agħsafar hekk imsejjaħ tal-priża jiġbor fih diversi tipi bħal ma huma l-isqra, il-kuċċard, il-kokk, u oħrajn. Il-karatteristiċi prinċipali tat-tajr tal-priża huma l-munqar forma ta' qanċ li bih iqattgħu l-laħam ta' l-agħsafar, l-insetti, u annimali oħra li jaqbdu biex jieklu; saqajn bi dwiefer twal; u għajnejn kbar.



Diversi speċi ta' dan it-tajr spiss jidhru fuq il-gżejjer Maltin matul iż-żmien tal-passa. Fost dawn insibu l-isqra u l-bisien, l-isparvieri, il-bugħadam, l-astuni, il-kuċċard, l-arpa, il-kokk, u anki xi ajkli u avultuni. Dawn it-tjur huma kollha ndispensabbli għall-bniedem u hemm bżonn li l-Maltin kollha jifhmu dan kemm jista' jkun malajr, għax diġa saret ħsara kbira. Bħall-ħlejjaq l-oħra kollha t-tajr tal-priża jiffurmaw parti essenzjali mill-katina li żżomm il-bilanċ fin-natura. Bħal ma katina tinqata' jekk aħna nneħħu mqar ħolqa waħda, hekk ukoll jiġri jekk aħna neliminaw dan it-tajr: niżbilanċjaw iċ-ċiklu li jeżisti fin-natura. Dan narawh hawn Malta bil-qerda tal-Barbaġann minħabba l-egoiżmu u/jew l-injoranza. B'riżultat ta' dan, l-ikbar għadu tal-ġrieden ġie eliminat u għalhekk dawn setgħu joktru u jiżdiedu mingħajr kontroll, b'effett ħażin fuq l-uċuħ tar-raba', minbarra nkonvenjenzi oħra.

L-isqra u l-bisien għandhom ġwienaħ twal ġejjin għall-ponta kif ukoll denb twil. Għandhom titjira mgħaġġla u jaqbdu l-priża tagħhom billi jinżlu għal fuqha



*Bies*

b'ħeffa kbira. L-iżjed komuni hawn Malta hu l-Ispanjulett (**Kestrel**) li huwa ferm bżonjuż għall-biedja. Ta' sikwit dan l-għasfur jidher wieqaf qisu mdendel fl-arja fuq xi għalqa fejn b'reqqa kbira jfittex għall-ġrieden, ġurati, u annimali oħra li jagħmlu ħsara fl-uċuħ tar-raba'. Sfortunatament, għalkemm bħat-tajr tal-priża l-oħra kollha huwa protett bil-liġi Maltija, anki l-istess bdiewa joqtlu 'l dan l-għasfur. Għalhekk hemm bżonn kbir li nfiehmu lil dawn in-nies dwar il-ħsara li qegħdin jagħmlu lilhom infushom. L-Ispanjulett narawh anki fix-xitwa u mhux l-ewwel darba li ttanta jbejjet hawn. Għalhekk, jekk jingħata ċ-ċans, dan il-ħabib kbir tagħna jibqa' magħna s-sena kollha. Fl-Olanda, fejn m'hemmx ħafna siġar, il-bdiewa jipprovdulu kaxxi apposta biex ikun jista' jbid fihom ħalli jibqa' fl-egħlieqi tagħhom għall-itwal żmien possibli.

Speċi oħra li kienet residenti f'Malta — il-Bies (**Peregrine Falcon**)— ukoll sfat meqruda minn pajjiżna. Mela waqt li l-pajjiżi oħra kollha qed jagħmlu l-għalmu tagħhom biex jiġbdu lil dawn it-tajr lejn arthom, hawn Malta dan it-tajr jiġi ttrattat agħar mill-akbar kriminali

għax jinqatlu malli jintlemħu minghajr biss l-iċken ħsieb ta' x'għajnuna kbira huma għal pajjiżna.
Fost tajr ieħor li jpassi fuq Malta nsibu l-Ispanjulett Sekond (Lesser Kestrel), iż-Żumbrell (Red-footed Falcon) u s-Seqer tal-Ħanniega (Hobby).



*Bugħadam*

Il-bugħadam ukoll għandhom ġwienaħ twal iżda mhux ġejjin għall-ponta. Id-denb huwa twil ukoll. Saqajhom huma itwal minn tat-tajr tal-priża l-oħra biex ikunu jistgħu jaqbdu l-priża tagħhom minn ħaxix twil. Matul il-passa tar-rebbiegħa jħobbu jittajru fil-baxx fuq l-egħlieqi fejn jaħsdu xi ġurdien jew xi għasfur li jkun mistoħbi qalb il-ħaxix. Waqt li jkunu jissaqqru jżommu l-ġwienaħ merfugħa daqsxejn 'il fuq. Fost l-erba' speċi li jpassu fuq Malta il-Bugħadam Aħmar (Marsh Harrier) hu l-iżjed wieħed komuni.



*Astun*

L-Astuni jixbħu lill-bugħadam iżda għandhom titjira iżjed ħafifa u denb dieħel il-ġewwa fin-nofs bħal tal-ħuttaf. L-Astun Iswed (Black Kite) hu l-uniku wieħed li jpassi regolari fuq Malta. L-astuni jgħixu primarjament minn fuq ħlejjaq li jsibu mejta.

Il-kuċċard għandhom il-ġwienaħ u d-denb iżjed wiesa' minn dawk tal-bugħadam u l-astuni. Huma fost l-iżjed tajr tal-priża popolari hawn Malta għax ta' sikwit tarahom jissaqqru għal ħinijiet twal matul il-passa, l-iżjed f'Settembru u l-bidu ta' Ottubru. Il-Buskett huwa sinonimu ma' dan it-tajr għax matul il-passa jfittxu postijiet bis-siġar fejn jistgħu jinżlu jqattgħu l-lejl.

Ħafna mit-tajr tal-priża, fosthom il-kuċċard, jagħmel użu minn kurrenti sħan ta' l-arja matul il-passa. Dawn il-kurrenti jgħinuhom jissaqqru għal ħinijiet twal bl-iċken sforz u ħela ta' enerġija possibli. Għalhekk, peress li dawn il-kurrenti jiżviluppaw biss fuq l-art matul il-jum, it-tajr tal-priża la jħobb jaqsam wesgħat kbar ta' baħar u lanqas ma jħobb ipassi matul il-lejl. Għal din ir-raġuni r-rotot prinċipali ta' dan it-tajr huma minn fuq Ġibilta' u l-Bosfru, b'numru iżgħar minn fuq l-Italja u Malta. Għalhekk ukoll fil-Ħarifa numru kbir ta' tajr tal-priża jinġabar madwar il-Buskett tard wara nofsinhar. Iżda għalkemm dan il-post uniku f'Malta ilu san santwarju ta' l-agħsafar għal snin twal ~~(s~~



*Kuċċarda*

(sa mill-1932), sal-ġurnata tal-lum aktar iservi ta' ċimiteru ta' l-agħsafar għax numri kbar ta' kaċċaturi ta' kull sena jagħmlu ħerba sħiħa mit-tajr tal-priża li jfittex kenn f'dan il-post. Huwa vera-ment għajb li minħabba mentalita' li teżisti, ċerti nies għadhom ma tgħallmux igawdu l-ispettaklu li joffri dan it-tajr meta jiġi fostna biex għal xi żmien jaqsam l-ambjent naturali magħna.

Mhux l-ewwel darba li mal-kuċċard tidher ukoll xi ajkla jew xi avultun. L-ajkli għandhom munqar ferm ikbar u eħxen minn tal-kuċċard. Għandhom titjira spettako-lari u nistgħu ngħidu li bħal ma l-iljun huwa r-re ta' l-annimali ta' l-art, l-ajkla hi s-sultana ta' l-agħsafar. L-iżjed speċi li ta' spiss tidher f'Malta



*Ajkla Bajda*

hija l-Ajkla Bajda (Short-toed Eagle). Bħall-ajkli, l-avultuni huma agħsafar kbar bi ġwienaħ li huma twal ħafna biex igħinuhom jissaqqru għal sigħat twal. Għandhom ras bla rix u jgħixu minn





*Avultun Abjad*

fuq annimali mejta. L-Avultun Abjad (Egyptian Vulture) huwa dak li ġieli naraw ipassi fuq Malta.

Tajra oħra tal-priża li tpassi kull sena minn fuq Malta hija l-Arpa (Osprey). L-Arpa għandha dwiefer iżjed twal minn ta' l-oħrajn biex bihom tkun tista' żżom il-ħut jiżloq, li dan hija taqbad billi tintefa' għalih fl-ilma.



*Sieq ta' Arpa*

Il-kokk huwa xi ftit differenti għax dan jikkaċċja prinċipalment matul il-lejl. Dawn l-agħsafar għandhom ras kbira ċatta bl-għajnejn kbar fuq quddiem. Id-dwiefer huma twal u b'saħħithom. Waqt li jtir, il-kokk ma jagħmel ebda ħoss u dan igħinu jaħsad il-priża tiegħu li fil-parti l-kbira tikkonsisti fi ġrieden.

Apparti l-Barbagann (Barn Owl), li f'Malta tista' tgħid inqered sa l-inqas par, fi żmien il-passa niltaqgħu wkoll mal-Kokka (Scops Owl), il-Kokka tax-Xagħri (Short-eared Owl), kif ukoll (fil-Ħarifa) ma' xi Qattus (Long-eared Owl). Il-Kokka tax-Xagħri wkoll mhux l-ewwel darba li ttantat tqatta' x-xitwa hawn (f'inħawi mhux milħuqa mill-kaċċaturi, bħall-mitjar ta' Ħal-Luqa) u anki biedet hawn ta' l-inqas tliet darbiet. Iżda minn hawn u minn hemm il-kaċċatur Malti dejjem irnexxielu jeqridhom.




Meta xi darba titwaqqaf din il-ħerba u l-qerda li qiegħda ssir mit-tajr tal-priża, kulħadd ikun jista' jitgħaxxaq b'dawn l-agħsafar majestużi jittajru ħielsa bla ma ssirilhom ebda ħsara; u dan filwaqt li l-ġrieden u ħlejjaq oħra li f'numru kbir jagħmlu ħsara, jistgħu jiġu kkontrollati effettivament.

CHARLES GAUCI.

*Barbaġann*

